**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Att ta' Akkuza 18/08**

**Republika ta' Malta**

**vs**

**Carmel Camilleri**

Illum, 1 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Carmel Camilleri prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' April, 2021 fejn stqarr li huwa gie notifikat bl-Att tal-Akkuza odjena fis-sena 2018 u pprezenta numru ta' eccezzjonijiet.

Illi fit-12 ta' Jannar 2016 wara s-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Borg vs Malta** (App. No 37537/13) u dan apparti numru konsiderevoli ta' sentenzi li sussegwentement gew moghtija in linea ma dak stabbilit fl-istess **Borg vs Malta**.

Illi l-esponenti fit-termini tal-proviso tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 449 tal-imsemmi Kap 9 jixtieq iressaq is-segwenti eccezzjoni.

- Ghar ragunijiet imsemmija l-inammissibilitia' tal-istqarrija tieghu u kull referenza li saret fix-xhieda tal-prosekuzzjoni rigward dak li intqal fl-imsemmija stqarrija.

Ghaldaqstant in vista tal-fatt li r-raguni ta' l-eccezzjoni nqalghet wara z-zmien li fih in-nota insemmija fis-sub artikolu (2) tal-Artikolu 438 tal-Kap 9 kellha tigi prezentata

l-esponenti qed jitlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza l-eccezzjoi imsemmija.

Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum tal-15 ta' April 2021 fejn ordnat notifika lill-Avukat Generali b'ghaxart ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' April 2021 fejn ppremetta is-egwenti:-

Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti wara li ppremetta li huwa kien gie notifikat bl-Att ta' Akkuza odjerna fis-sena elfejn u tmienja ( 2008) u li kien prezenta numru ta' ecezzjonijiet ultejuri fit-termini tal-proviso tas-sub artikolu wiehed (1) tal-Artikolu 449 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob li ireessaq eccezzjoi:-

'L-inammissinilitita tal-istqarrija tieghu u kull referenza li saret fix-xhieda tal-prosekuzzjoni rigward dak li intqal fl-imsemmija stqarrija.' Ili r-rikorrent iddikjara li huwa qieghed jitlob li jigi awtorizzat li iressaq din l-eccezzjoi ulterjuri f'dan l-istadju tal-proceduri stante li fit-12 ta' Jannar 2016, wara l-isakdenza tat-terminu imsemmi fl-Artikolu 438 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta inghatat sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal Bniedem fl-ismijiet Borg v Malta (App No 37537/13) kif ukoll numru konsiderevoli ta' sentezni li sussegwentement gew mghotija in linea ma dak stabilit fl-istess **Borg vs Malta** .

Illi l-esponent Avukat Generali qieghed jiregistra l-opposizjoni tieghu ghat-talba tar-rikorrent u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. **Eccezzjonijiet fit-terminu impost fl-Artikolu 438 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta**

Illi f-ewwel lok jigi rilevat illi r-rikorrenti Carmeel Camilleri ma qajjem l-ebda eccezzjoni dwar l-inammissibilita tal-istqarrija tieghu fit-termini impost f-Artikolu 438 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-rikorenti jista jargumenta li ma qajjimx din l-eccezzjoni f'dak l-istadju ghaliex dak iz-zmien u cioe' qabel is-sena 2010 ma kienx ghad hemm l-izvilupp legali u gurisprudenzjali fir-rigward tad-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Ili madankollu fl—umli fehma ta' l-esponenti li kieku r-

rikorrenti verament kellu xiilment fir-rigward tal-mod kif kienu ttiehdu l-istqarrijiet tieghu, allura xejn ma kien izommu milli iqajjem l-ilmenti tieghu f'dak l-istadju. Illi minflokk ir-rikorrenti ghazel li jecepixxi l-inammissibilita tal-istqarrijiet ta' terza persun, certu Angelo Muscat stante li skond hu dawn ma kienxu jikkostitwixxu prova skond il-ligi, liema eccezzjoniijiet huwa sussegwentement irtira.

Illi l-eccezzjonijiet tar-rikorrent ai termini tas-sub inciz (2) tal-artikolu 438 tal-kap 99 tal-ligijiet ta' Malta gew decizi minn din l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament rpeseduta nhar it-12 ta' Ottubru 2009. Ili sussegwentmenet gew rezi res judicata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Apell Kriminali ta' nhar it-2 ta' Marzu 2010 fejn il-Qorit iddikjarat l-apell tar-rikorrenti bhala wiehed fieragh ai termini tas sub inciz (3) tal-Artikolu 512 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u ddikajrat ukoll li:-

> *' 'Sfortunatament din il-Qorti qed tara l ispess qed jitqajmu eccezzjonijiet quddiem il-Qorti Kriminali, u jsiru appelli mis-sentenzi ta' dik il-Qorti dwar dawn l-eccezzjonijiet, bl-iskop uniku ghax ma jsitax ikun hemm skop iehor meta l-eccezjonijiet ul-appelli jkunu manifestament infondati – i l-process jittawwal (ara per esempju) is-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-28 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Frederick Joseph Grech**.*

Illi ghaldaqstant il-Qorti tal-Aopelli Kriminali ddikjarat li bl-aktar mod car illi r-rikorrent kien qieghed jirrikorri ghal delaying tactics sabiex l-iskedar tal-guri tieghu jittawwal indefinittament.

2. **Referenza lill-Prim Awla tal Qorti Civili sede kostituzzjonali dwar l-uzu tal-istqarrijiet ar rikorrent fil-proceduri odjerni**

Illi jinghad ukoll i ghalkemm il-proviso tas sub inciz (1) tal-Artikolu 449 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovi li din il-qorti tista tawtorizza li jingahtaw eccezzjonijiet ultejuri wara iz-zmien li hih in-nota imsemmija fis-sub inciz (2) tal-Artikolu 438 ghandha tigi prezentata fir-registru ta' din il-Qorti, madankolu l-ligi tipprovdi li din l-awtorizzazzjoi tista tinghata biss 'ghar-raguni li tkun inqalghet wara' z-zmien li fih

kellha tigi preezentata l=imsemmija nota. Illi ghalqdaqstant tali raguni trid tkun tabilhaqq wahda gdida mhux wahda li tkun diga giet imqajma mill-istess rikorrent u li giet dieza appelalta u reza judicata.

Ili mill-atti processwali jirrizulta bl-iktar mod car li ghalkemm ir-rikorrent ma qajjem l-ebda eccezzjoi fir-rigward tal-ammissibilita tal-istqarrijjiet ieghu fit-termini impost fis sub inciz (2) tal artikolu 438 tal kap-9 tal-ligijiet ta' malta, manakollu fit-2 ta' Mejju 2011 huw akien talab li din l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament preseduta sabiex tirreferi l-Prim Awla tal Qori Civili (sede Kostituzzjonali) il-kwistjoni permezz ta' sentenza datata 26 ta' Gunju 2012 iddeciedt favur ir-rikorrenti u sabet li gew lezi d-drittijiet tar rikorrent ghal smiegh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, wara appell i kien gie itnavolat mill-esponnenti, il-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' sentenza tat-22 ta' Frar, 2013 iddikjarat ili *'ma hemm ebda ksur tal-jedd fondamentali ta' Carmel Camilleri bit-tehid tal-istqarrijiet li dwarhom saret il-kawza u bll-uzu taghhom fi proceduri gudizzjarji.'*

Illi din id-decisjoni tal Qorti Kostituzzjonali giet trasmerra lil din l-Onroabbli Qorti u ghalhekk illum tifforma parti mill-inkartament tal=process odjern. Ili l-Qorti Kostituzzjonali illum tfforma parti mill-inkartament tal-process odjern. Illi l-Qorit Kostituzzjonali waslet ghad-decisjoni taghha war ali ghamlet is-segwenti osservazzjoijiet:-

> *22. Barra minn hekk, lanqas ma ghandu ghal kollox mis-sewwa li tghid ili fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz partikolari, Camilleri ma kellux il-fakolta vera u effettiva li jkellem aukat.*
>
> *23.Camilleri ghamel aktar minn stqarrija wahda.Fl-ewwel wahda , li saret fil-5 ta' Ottubru 2004 cahad kollox u thalla hieles. Din l-interogazzjoni kienet bizzejjed bie xturih likien suspettat u li ghalhekk kien fl0interess tieghu li jkellem avukat. Kellu kul opportunita li jaghmel hekk sekmm rega gie imsejjah fis-6 ta' April 2006 biex imur il-Kwartieri Generali tal-pulizija b'mod ta' attendenza volontarja u ghamel stqarrija dakinhar, ohra fis-7 ta' April, 2006 u ohra fit-8 ta' April 2006. L-istqarrijiet li dwarhom saret il-kawza tallum.*

*24. Ladraba Camilleri kien jaf li hu suspettt u kellu opportunita ampja jkellem avukat qabel ma ghamel l-istqarrijiet tas-6, tas-7 u tat-8 ta' April 2006 ghal din ir-raguni ukoll l-aggravju ghandu jintlaqa'*

*25. Relevanti ukoll huwa l-fatt li fl-sitqarrijiet ta' Carmel Camilleri jissemmew dettalji li jaqblu ma fatti acertati oggettivament 'hieda ohra li ghalhekk ma jaghtikx x'tahseb li jkun unsafe li taghi piz lill-istqarrijiet. Din hija raguni ohra ghala ma jkunx fl-interess tas-sewwa illi l-istqarrijiet jitnehhew mill-atti tal-process.'*

Illi ghalhekk l-esponenti jirrileva li l-eccezzjoni ulterjuri li r-rikorrent qieghed jitlob l-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex iressaq u cioe l-eccezzjoni dwar l-inammissibilita tal-istqarrija tieghu u kul referenza li saret fix-xhieda tal-prosekuzzjoni rigward dak li intqal fl-imsemmija stqarrija abbazi ta' allegat ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq diga  giet ezaminata u deciza definittament mill-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali. Din l-istqarrija hija ormai res judicata u ghalhekk fil-fehma tal-esponenti it-talba tal-akkuzat ma hi xejn hlief tattika ohra sabiex jittenta jiddelunga l-proceduri odjerni. Illi d-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 438 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk fil-fehma ta' l-esponenti it-talba tar-rikorrenti lil din l-Onorabbli Qorti saebix jigi awtorizzat jerga iqajjem kwistjoni li illum il-gurnata hija res jduicat ma hiex legalment sostenibbli. Illi certament li l-proviso tas-sub inciz (1) tal-Artikolu 438 talkap 9 tal-ligijiet ta' Malta mhuwiex intiz ghal dan il-ghan.

**3. Proceduri dwar l-istess mertu quddiem l-Qorti Ewropeja tad- Drittijiet tal-Bniedem**

Illi jigi rilevat ukoll li hekk kif jirrizulta mill-atti rpocesswali, ghal bosta xhur met al-guri fl-ismijiet premessi kien qiegehd jsitenna t-turn tieghu sabiex jigi appuntat ghas-smiegh ir-rikorrent kien qieghed regolarment jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li huwa kien intavola proceduri quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'okkazjoni minnhom ir-rikorrent kien anke nforma lil din l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament preseduta li l-Qorti Ewropeja kienet accettat it-talba tieghu u li kien qiegehd jistenna li jinghata appuntament tas-smiegh. Illi minkejja dan jirrizulta li din

l-applikazzjoni sabiex jinfethu prod=ceduri quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal Bniedem ma kienitx giet accettata minn dik il-Qorti.

4. **Rikors tal-akkuzat intavvolat quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Marzu 2017**

Illi jinghad ukoll li l-istess rikorrenti kien intavola ukoll rikors nhar l-20 ta' Marzu, 2017 liema rikors jinab inserit a fol.148 permezz ta' liema rikors huwa ukoll kien talab lil din l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament preseduta sabiex tiddikjara li l-istqarrija li huwa rrilaxja lill-Pulizija nhar is-6 ta' April, 2006, is-7 ta' April, 2006 u it-8 ta' April, 2006 huma inammisibli. Li madankollu hekk kif jirrizulta mil-verbal ta' din il-Qorti ta' nhar il-11 ta' Guju, 2020 l-akkuzat kien ghazel li jirtira l-istess rikors pero rizerva d-dritt li jqajjem l-istess materja fi stadju opportun.

5. **Ir-rikors odjern tal-akkuzat intavolat quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' April, 2021**

Illi in vista ta' dak kollu suespost l-esponenti jirrileva li minkejja c-canfira li kienet inghatat lir-rikorrenti mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (sede superjuri) permezz tas-sentenza datata 2 ta' Marzu, 2010, sabiex ma jittawwalx l-process inutilment, fil-fehma tal-esponent ir-rikorent qieghed jibqa' jippersisti fl-agir tieghu u matul is-snin illum hdax-il sen awara ghadu qieghed jirikorri ghal *delaying tactics* sabiex il-guri tieghu ma jsirx. Illi dan qieghed jinghad jinghad ghaliex l-esponenti ma jistax sisb spjegazzjoni ohra plaazibbli ghall-agir tar-rikorrent li rega inatvola rikors odjern 'f'April tas-sena 2021 fejn qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi awtorizzat li jressaq eccezzjoni li dwarha hemm *res judicata* kif ukoll li dwarha kien intavola rikors snin ilu quddiem din l-Onorabbli Qorti liema rikorss huwa kien ghazel li jirtira wara diversi snin.

Ili jigi imfakkar finalent li dan il-kaz si tratta ta' omicidju volontarju li sehh fis-27 ta' Ottubru, 1988 u li tlieta u tletin (33) sena wara ghadu ma sarx il-guri tieghu u dan f'kuntest fejn l-akkuzat ilu snin twal jiddelunga l-proceduri inutilment. Ili ghalhekk ghar-ragunijiet kollha indikati f'din ir-risposta kif ukoll ghar-ragunijiet kollha li

jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni orali quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-fehma tal-esponent it-talba tar-rikorrenti hekk kif migjuba minnu fir-rikros promotur ghandha tigi michuda u l-guri ghandu jigi appuntat ghas-smiegh mill-iktar fis.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Mejju l-partijiet trattaw ir-rirkos limitatament jekk din il-Qorti ghandhiex tilqa it-talba tar-rikrrenti li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri ai fini tas-sub inciz (2) tal-artiklu 438 tal-ligijet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Illi ir-rikorrenti qed jitlob li jinghata l-fakolta li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri ai termini tal-proviso tal-artikolu 449 (1) tal-Kodici Kriminali fis-sens li l-istqarrijiet rilaxxjata mill-appellant nhar is-6, is-7 u it-8 ta' April 2008 jigu dikjarati inammissibli u dan in vista ta' gurisprudenza ricenti moghtija kemm mill-Qrati notrana kif ukoll dawk moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal Bniedem. L-Avukat Generrali *in primis* qieghed joggezzjona ghal tali talba u dan ghaliex fil-fehma tieghu din il-materja gja giet trattata b'sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-12 ta' Ottubru, 2009 liema sentenza kienet giet konfermata mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-2 ta' Marzu, 2010 fejn dik k il-Qorti iddikjarat l-appell tar-rikorrenti bhala wiehed fieragh ai termini tal-Artikolu 512 (3) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk fil-fehma tieghu una volta hemm decisjoni finali dwar dan il-mertu u cioe jekk l-istqarrijiet rilaxxjata mir-rikorrenti humiex ammissibli jew le il-materja ghaddiet in gudikat u ghalhekk huma privi milli iresqu eccezzjoni ohra fuq l-istess materja. Fil-feham tieghu din il-materja illum hija *res judicata.*

Illi din il-Qorti tosserva illi l-eccezzjoni sollevata issa mill-akkuzat hadet bixra kemmxejn differenti minn dik li kienet giet sollevata mill-akkuzat fl-istadju preliminari ta'l-eccezzjonijiet, billi hija imsejsa fuq pronunzjament recenti moghti milli-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn hemm tentattiv li tigi kristallizzata l-posizzjoni dwar id-dritt penali maltija fejn persuna suspettata ma kenitx giet moghtija assistenza legali ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tipprekludi tali dritt *in toto* kemm fi stadju ta' pre trial kif ukoll quddiem il-Qorti . Dan ghaliex hemm mistqarr car u tond f'divesi sentenzi kemm lokali kif ukoll Ewropej illi kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq

u dan meta l-konfessjoni minnu maghmula titqies bhala prova f'awla tal-Qorti u huwa appuntu ghalhekk li din il-Qorti ser tilqa' it-talba rikorrenti ghal prezentata ta' eccezzjoni ulterjuri.

lli din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga' okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[1].

Illi din kienet ukoll il-fehma tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabo**[2]:

> *"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement."*

Illum il-legislatur irregola din il-kwistjoni darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linja mal-ligi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 sehhet it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni u mal-

[1] Il-Pulizija vs Anthony Cremona deciza nhar l-14 ta' frar 2014 Appel Numru 302/18., Pol vs Arnold Farrugia deciz 17 ta' Jannar 2019 Appell Numru 32/2018; il-Pulizija vs Shannon Cauchi deciz 15 ta' Jannar, 2019 Appell numru 301/18; Il-Pulizija vs Nicholas Dimech deciz 15 ta' Jannar 2019 Appell numru 333/2018; Il-Pulizija vs Carmel Polidano deciz 5 ta' frar 2019 Appell numru 348/2018; Il-Pulizija vs Claire Farrugia fl-20 ta' Novembru, 2018 Appell Numru: 259/2018

[2] Deciza nahr l-1 ta' Dicembru 2016

awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/1).

Jinghad ukoll li insegwitu u ghat-trasposizjoni ta' din id-Direttiva l-Misnistru tal-Gustizzju hareg avviz legali 102/2017 in forza ta' poteri moghtija lilu bl-Artikolu 355AUA(8)(c) tal-Kap 9 fejn ipprovda sistema ta' kif ghandhom isisru l-interrogatorji ta' suspettati u nies akkuzati liema avviz legali ma giex kunsidrat fis-sentenzi precedenti ta' din il-Qorti fir-rigward tal-kaz odjern.

llli ghalhekk l-ligi kif illum emendata tirrifletti din is-salvagwardja u ukoll hija in linja mad-dritt ewropew kif inghad. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora mhux biss principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-iter tal-proceduri penali fil-qorti, izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata, izda trid tara illi timxi in konformita tal-ligi mhux biss ewropeja izda ukoll lokali li illum tirregola din il-materja.

Dan ifisser allura li din il-Qorti issa ma tistax timxi fuq id-decizjoni moghtija minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippresjeduta tat-12 ta' Ottubru 2009 u kif konfermata fit-2 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (SEDE Superjuri) , billi din kienet segwiet il-linji gwida ezistenti f'dak iz-zmien li illum gew mibdula u jekk dan isehh allura din il-Qorti tkun qed timxi bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u id-dritt ghal smiegh xieraq imfassla fil-Kostituzzjon.

Fis-sentenza proprju citata mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu fl-ismijiet **Borg vs Malta**[3] inghad li :-

> *"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of*

[3] 37537/13 12/01/2016

*serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."*

Il-Qorti iddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kenitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6:

*"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, 24 October 2013; Brusco v. France, October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police 19 interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention."*

*Illi gie deciz illi l-qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni Salduz vs Turkey kif sehh fil-kaz ta' Charles Steven Muscat fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque4 ighid hekk fl-opinjoni tieghu:*

*"the interpretation of Salduz by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character". …. Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of Salduz."*

Illi l-Avukat Generali isostni li bejn stqarrija wahda u ohra ir-rikorrenti kellu l-opportunita jekk ried li jkellem avukat. Dan mhux kontestat pero' id-drittijiet li ghandhom jinghataw lill-indagat kif imfisra fil-Letter of Rights li illum tinsab

assodata fil-kodici penali nostran fl-artikolu 534AB tal-kap 9 jipprovdu aktar minnhekk. L-indagat kellu jinghata drittijiet kardinali fosthom id-dritt tas-silenzu, id-dritt ta' disclosure, id-dritt ta' assitenza legali tul il-proces kriminali kollu inkluz dak waqt il-pre trial. Evidentement dawn id-drittijiejt fundamentali ma inghatawx lir-rikorrenti stante li ma kienux jifformaw parti mill-ligijiet statutorji tal-pajjiz la meta gew rilaxxjati l-istqariejti u lanqas wara meta ignhtaw is-sentenza u dan b'eccezzjoni ghad-dritt ta' sienzju li gja kien jifforma parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-**artikolu 355AUA** tal-kodici Kriminali jipprovdi is-segwenti dwar id-dritt tal-akkuzat u dan gie itnrodott bl-AttLi tas-sena 2016 u ghalhekk zgur li ma kienx fil-ligi statutorja meta gew rilaxxjati l-sitqarrijeti tar-rikorrenti cioe:-

> *(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*
>
> *(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*
>
> *(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*
>
> *(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*
>
> *(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*
>
> *(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti*

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju ma gietx imsejha sabiex tghid jekk l-istqarrija rilaxxjata mir-rikrorenti hiex ammissibli jew le IZDA limitatament jekk ir-rikorrenti jistax

jinghata l-fakolta li jipprezenta eccezzjoni ulterjuri f'dan ir-rigward u cioe' li jqajjem l-istess eccezzjoni li kien bi hsiebu iqajjem nhar l-20 ta' Marzu 2017.

Illi fil-kwadru fuq imsemmi, din il-Qorti qed tilqa' it-talba tar-rikorenti sabiex jipprezenta l-eccezzjoni ultejuri tieghu u dan bla preguidizzju ghall- mertu ta' l-istess eccezzjoni.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur